MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Numru 15/2012

**Att t'Akkuza 15/2012**
**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Andre` Francois Buhagiar**

Illum 13 ta' Frar, 2013

Il-Qorti,
Rat l-att ta' Akkuza numru 15/2012 mahruga mill-Avukat Generali kontra Andre` Francois Buhagiar [detentur tal-karta tal-identita` numru 328880 (M)] fil-21 ta' Gunju, 2012 fejn

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi l-akkuzat Andre' Francios Buhagiar fil-25 ta' Lulju 2008 u fit-tlett snin ta' qabel din d-data f'diversi okkazzjonijiet kien jittraffika illegalment d-droga kokajina u dan kien jaghmlu billi kien ibiegh u jikkonsinna l-istess droga lil diversi persuni fosthom lil Charles Mizzi, Malcolm Said u Charmaine Camilleri minn f'diversi postijiet f'Malta inkluz minn go residenza tieghu f'Hal-Luqa.

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Andre' Francios Buhagiar la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Andre' Francios Buhagiar ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Andre' Francios Buhagiar ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Andre' Francios Buhagiar sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet il-Pulizija kontra vs Andre' Francios Buhagiar datati 15 ta' Novembru 2005 u 26 ta' Jannar 2007 l-imsemmi akkuzat instab hati ta' diversi delitti kriminali;

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Andre' Francios Buhagiar recidiv f'delit u hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel Taqsima

tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi (2329.37) u mhux aktar minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (116, 468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta’ tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ immobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fil-25 ta’ Lulju 2008 u fit-tlett snin ta’ qabel din d-data Andre’ Francios Buhagiar kellu fil-pussess illegali tieghu d-droga kokajina li ma kienetx ghal-uzu esklussiv tieghu**.** Illi infatti hu kien ibiegh u jaghti min din d-droga lil diversi persuni fosthom lil Charles Mizzi, Malcolm Said u Charmaine Camilleri.

Illi fir-residenza tieghu instabu ukoll 29.35gramma kokajina ta 40% purita li valur taghha meta mibjugh fit-triq kien ilahhaq is-somma bejn 2054 Ewro u 3023 Ewro.

Illi d-droga kokajina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi Andre’ Francios Buhagiar ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess akkuzat ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi akkuzat sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet il-Pulizija kontra vs Andre’ Francios Buhagiar datati 15 ta’ Novembru 2005 u 26 ta’ Jannar 2007, l-imsemmi akkuzat instab hati ta’ diversi delitti kriminali.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Andre' Francios Buhagiar, recidiv f'delit u hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi(2329.37) u mhux aktar minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (116468.67)u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat,

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-hdax (11) ta' Gunju 2008, l-akkuzat Andre Francois Buhagiar kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li fid-9 ta' Jannar 2006, bejn it-8:15am u 8:30am

gewwa Triq il-Qalb Imqaddsa San Gwann volontarjament ghamel hsara f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni CER 371 ta’ l-ghamla Mitsubishi.

Illi l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma kien iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Illi dan id-dannu sar a skapitu ta’ Carmela k/a Charmaine Camilleri.

Illi bhala piena huwa kien gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghal tliet snin mid-data tas-sentenza.

Illi din is-sentenza kienet res judikata.

Illi nonostante din is-sentenza l-akkuzat bejn il-11 ta’ Gunju 2008 u l-25 ta’ Lulju 2008 kien fil-pussess tad-droga kokajina.  Fil-fatt fir-residenza tieghu instabu 29.35gramma kokajina ta 40% purita li valur taghha meta mibjugh fit-triq kien ilahhaq is-somma bejn 2054 Ewro u 3023 Ewro. Illi ic-cirkostanzi kienu juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu**.**

Illi b'ghemilu l-imsemmi akkuzat sar hati talli bejn il-11 ta’ Gunju 2008 u l-25 ta’ Lulju 2008 kiser il-kundizzjoni imposta fuqu f’sentenza li ma jaghmel ebda reat ghal tliet snin mid-data tas-sentenza liema perjodu beda jiddekorri mill-hdax (11) ta’ Gunju 2008 billi kien fil-pussess tad-droga Kokajina f’cirkostanzi li kienu juru li ma kienx pussess ghall-uzu esklussiv tieghu.  Illi d-droga kokajina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi Andre’ Francios Buhagiar ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga.  Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-

pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess akkuzat ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Andre' Francios Buhagiar, li kiser kundizzjoni imposta fuqu f'sentenza tal-Qorti datata 11 ta' Gunju 2008 li ma jaghmel ebda reat ghal tliet snin mid-data ta' l-istess s-sentenza liema perjodu beda jiddekorri mill-hdax (11) ta' Gunju 2008 billi kien fil-pussess tad-droga Kokajina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta mhux inqas minn hames xhur imma mhux izjed minn sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 325(1)(b), 17(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikoli 22(1),(2), 23 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat ipprezentati fit-tnax (12) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) fejn eccepixxa illi :

1. In-nullita tal-ewwel kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan peress illi l-parti espozittiva tal-istess Kap ma jigux imfissra l-fatti li jikkostitwixxu r-reat migjub fil-parti akkuzatorja tal-istess kap ta' akkuza.
2. In-nullita tat-tieni kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan ukoll ghaliex il-fatti migjuba fl-istess kap ma jfissrux jew jiddeskrivu r-reat migjub fil-parti akkuzatorja tal-istess kap.
3. In-nullita` tat-tielet kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan stante illi l-akkuza innifisha ma tikkostitwix reat izda se mai hija biss konsegwenza li tista` ssehh biss wara s-sejbien ta' htija ta' xi reat u per tant din qatt ma' tista` tezisti bhala Kap ta' akkuza separat.
4. Minghajr pregudizzju ghat-tielet eccezzjoni hawn fuq migjuba, n-nullita` tat-tielet kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan peress illi l-qorti Kriminali ma hijiex dik il-Qorti kompetenti sabiex titratta ma' ksur ta' sentenza ta' Qorti Inferjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) fejn l-akkuzat irtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll dik tal-avukat prosekutur;

Ikkunsidrat:

Fit-tieni eccezzjoni preliminari tieghu l-akkuzat qieghed jilmenta illi hemm diskrepanza bejn il-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja tal-istess kap u dana ghaliex il-fatti kif esposti ma jwasslux ghall-pussess aggravat tad-droga izda ghall-pussess semplici. Jispjega illi l-ammont ta' droga illi nstabet (cirka tletin gramma [30grs]) hija indikazzjoni illi d-droga kienet ghall-uzu personali tal-akkuzat, però l-Avukat Generali fil-parti akkuzatorja addebitah b'pussess taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat.

Ghalhekk minhabba din id-diskrepanza qieghed jeccepixxi n-nullità tat-tieni kap.

Rigward it-tielet u r-raba' kap, l-akkuzat qieghed jilmenta illi dawn mhumiex reati; huma biss addebiti illi jistghu jirrizultaw bhala konsegwenza tal-ewwel kap. U wkoll peress illi l-akkuza tirreferi ghal reat illi gie kunsidrat mill-Qorti tal-Magistrati, f'dan il-kaz, allura, hija dik il-Qorti illi hija kompetenti biex titratta dan il-ksur u mhux il-Qorti Kriminali. Ghalhekk, argumenta l-akkuzat jekk it-tielet kap jigi annullat, dak l-addebitu ma jistax jigi abbinat ma' kapi ohra.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti. It-tieni kap ghandu jinqara fl-isfond tal-parti narrattiva fl-ewwel kap fejn l-akkuzat qed jigi addebitat bi traffikar ta' droga. Fit-tieni kap l-akkuzat qieghed jigi addebitat bil-pussess aggravat u cioé illi d-droga illi nstabet ma kinitx ghall-uzu personali tieghu. Dawn huma zewg akkuzi differenti li jimmeritaw kapi differenti izda jirreferu ghal cirkostanza wahda li hija dik trattata fl-ewwel kap, li tista' sservi ukoll bhala prova cirkostanzjali ghall-pussess aggravat. Hawnhekk l-Avukat Ġenerali, fit-tieni kap, irrefera ghan-natura, il-valur, il-piz, u l-purità tad-droga misjuba, u skont hu jwassal ghall-konkluzjoni li l-pussess ma kienx ghall-uzu personali. Din hija kwistjoni ta' fatt li trid tigi determinata mill-gurija u mhuwiex kompitù ta' din il-Qorti illi tesprimi opinjoni dwar jekk il-fatti migjuba fit-tieni kap iwasslux ghall-pussess aggravat jew pussess semplici ghax b'hekk tkun qieghda tassumi gudizzju illi strettament jappartjeni lill-gurija bhala l-imhallfin tal-fatt.

Ghalhekk, il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat.

Rigward it-tielet u r-raba' eccezzjoni, l-akkuzat qieghed jigi addebitat illi kkommetta reat iehor waqt illi kien illiberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin minn sentenza precedenti.

Din il-Qorti tifhem illi l-gurija m'ghandhiex tkun esposta ghall-precedenti tal-akkuzat. U wkoll jekk kisirx jew le sentenza fejn imponiet libertà kondizzjonata hija kwistjoni ta' fatt li trid tigi deciza mill-gurija. Dana, però, wara l-verdett.

Ghalhekk, il-Qorti tordna illi fl-att tal-akkuzat illi jigi moqri lill-gurija ma ghandha ssir l-ebda riferenza ghall-precedenti tal-akkuzat, u ghalhekk dan it-tielet kap ma ghandux ikun inkluz f'dik il-kopja. Però fil-kaz ta' htija, wara l-verdett, jinqara dan it-tielet kap u l-gurija tiddeciedi jekk bhala fatt l-akkużat kisirx il-libertà kundizzjonata jew le. L-akkuza, però, mhiex nulla u ghandha tibqa' kif inhi biex tigi pprezentata lill-gurija fil-hin u fil-waqt indikat.

B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-akkuzat u tiddiferixxi l-kawza sine die sabiex tinstema' bhala guri fit-turn taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------